



21.6.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz ta' baġit 2019  
(2018/2024(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Ramón Luis Valcárcel Siso

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza r-rwol importanti tal-agricoltura u l-iżvilupp rurali fil-ksib ta' għadd ta' għanijiet tal-UE fl-oqsma tas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, il-benesseri tal-annimali, il-ħolqien tal-impjiegi, il-forestrija, it-tibdil fil-klima, l-innovazzjoni u l-bilanċ territorjali u ambjentali; jisħaq fuq il-fatt li l-agricoltura u l-iżvilupp rurali jikkostitwixxu parti importanti mill-baġit ġenerali tal-UE, u jenfasizza l-ħtieġa għal finanzjament sostnut f'dawn l-oqsma; ifakkar li l-infiq fuq l-agricoltura naqas u li t-tnaqqis baġitarju fir-rigward tal-PAK jista' jkollu effetti negattivi, u dan jikkomprometti il-proċess tal-kontroll u l-monitoraġġ u jipperikola t-twettiq tal-oġġettivi tal-PAK;
2. Jenfasizza li huwa indispensabbli li l-fondi allokatu għar-riċerka fis-settur agroalimentari, b'mod partikolari mill-baġit ta' Orizzont 2020, jibqgħu kompletament disponibbli bħala tali bil-għan li tiġi stimolata l-innovazzjoni fis-settur agriku;
3. Jiddefendi l-istabilità fil-baġit agriku, u għalhekk jopponi 'qawwa kwalunkwe tnaqqis fih fl-2019, speċjalment fid-dawl tal-kriżijiet serji u l-volatilità tal-prezzijiet li esperjenza s-settur agriku tul dawn l-aħħar snin;
4. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom lill-baġit tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-istabilità u evitata l-possibilità ta' kriżijiet futuri fis-settur agriku;
5. Jenfasizza l-ħtieġa għal tqassim aktar ġust tal-għajjnuna diretta tal-PAK bejn il-pajjiżi u bejn il-farms kbar, żgħar u ta' daqs medju;
6. Jinnota li l-frekwenza ta' l-kriżijiet u l-volatilità tal-prezzijiet dejjem tiżdied tindika l-ħtieġa ta' baġit akbar għall-agricoltura;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmonitorjaw, b'mod f'waqtu, il-volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti agricoli, li għandha effetti negattivi fuq l-introjt tal-bdiewa, u jirreaġixxu fil-pront u b'mod effikaċi meta jkun meħtieġ, filwaqt li lill-bdiewa jagħtuhom l-għażla li jiġġieldu kontra tali volatilità tal-prezzijiet direttament;
8. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tinbidel ix-xejra li ilha għaddejja ta' tnaqqis fid-dħul tal-bdiewa f'dawn l-aħħar deċennji;
9. Jesprimi t-tħassib u d-diżappunt tiegħu, wara li nnota d-diffikultajiet esperjenzati mill-produtturi biex isibu swieq ġodda, għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ttemm il-miżuri ta' appoġġ mit-30 ta' Ġunju 2018 għas-setturi milquta ħażin mill-veto Russu, li fil-fatt, jammonta għal sanzjoni kontra dawn is-setturi għal avvenimenti li mhumiex fil-kontroll tagħhom;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex kontinwament iġġedded l-isforzi tagħha ħalli tidentifika swieq ġodda;

11. Jissottolinja l-importanza tal-iżvilupp ta' swieq ġodda għaż-żamma tal-kompetittività u ż-żieda tar-reżistenza tal-agrikoltura Ewropea għall-kriżijiet tas-suq bħal fil-każ tal-embargo tar-Russja; jitlob, għalhekk, li jingħata appoġġ finanzjarju għal opportunitajiet ta' suq ġodda;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li testendi l-għajnuniet lil dawk milquta mill-embargo impost mir-Russja qabel l-adozzjoni tal-abbozz leġislattiv tiegħu dwar il-baġit għall-2019, jew, sa mhux aktar tard mill-ittra ta' emenda fil-ħarifa;
13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-konsegwenzi li kwalunkwe falliment tan-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar it-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jista' jkollu għall-baġit tal-2019;
14. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-volum ta' importazzjonijiet ta' ikel attwalment destinat għas-suq tar-Renju Unit li sussegwentement se jkollu jiġi assorbit fi ħdan is-suq uniku;
15. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-agrikoltura sostenibbli mfassla apposta għas-swieq tal-UE, tinkoraġġixxi l-użu ta' alternattivi sikuri u ekoloġiċi għall-pestiċidi u żżid l-appoġġ għal tali soluzzjonijiet fl-2019 kif xieraq;
16. Iqajjem dubju, għal darba oħra, dwar is-siwi tar-riżerva ta' kriżi u l-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja attwali, li fil-każ tal-baġit 2019, għal darba oħra se joħolqu sempliċiment piż burokratiku; jinnota li l-agrikoltura Ewropea kulma jmur saret dejjem aktar esposta għall-kriżijiet f'dawn l-aħħar snin; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, teżamina l-introduzzjoni ta' riżerva pluriennali li tkun indipendenti mill-pagamenti diretti u tindirizza l-iżbilanċi fis-swieq u l-kriżijiet gravi;
17. Jirrimarka li l-organizzazzjonijiet tas-suq jeħtieġ li jiggarantixxu kontroll immirat tal-kwantità sabiex tiġi evitata l-produzzjoni żejda;
18. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jsaħħu l-miżuri ta' appoġġ għall-bdiewa żgħażaġh fl-2019, biex itejbu t-tiġdid ġenerazzjonali, li għadu baxx u għandu impatt fit-tul fuq l-agrikoltura Ewropea; jirrimarka li t-tiġdid ġenerazzjonali insuffiċjenti huwa kkawżat, fost fatturi oħra, min-nuqqas ta' dħul ġust u vijabbli mill-biedja; iqis li huwa importanti, għalhekk, li jiġu ssemplifikati u mnaqqsa l-ostakoli burokratiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh u li jiġu promossi l-prattiki tajba implimentati b'suċċess f'għadd ta' Stati Membri li jistgħu jikkontribwixxu b'mod ċar għat-tiġdid ġenerazzjonali;
19. Jenfasizza l-importanza tal-investiment f'teknoloġiji ġodda u fl-innovazzjoni sabiex il-biedja Ewropea ssir aktar kompetittiva u sostenibbli mil-lat ambjentali; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tfassal baġit agrikolu partikolarment iffukat fuq il-ħtiġijiet tal-bdiewa u l-għanijiet tal-politika b'segwitu akbar ta' Prattiki Intelliġenti u innovattivi li se jiżguraw il-vijabilità tal-biedja tal-UE fuq medda twila ta' żmien.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.6.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 -: 1 0: 7
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Richard Ashworth, José Bové, Daniel Buda, Nicola Caputo, Matt Carthy, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Diane Dodds, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Karine Gloanec Maurin, Beata Gosiewska, Martin Häusling, Esther Herranz García, Jan Huitema, Peter Jahr, Ivan Jakovčić, Zbigniew Kuźmiuk, Norbert Lins, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Giulia Moi, Ulrike Müller, Maria Noichl, Marijana Petir, Bronis Ropè, Maria Lidia Senra Rodríguez, Czesław Adam Siekierski, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană, Marco Zullo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Franc Bogovič, Karin Kadenbach, Elsi Katainen, Anthea McIntyre, Momchil Nekov, Miguel Viegas
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Krzysztof Hetman

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Ulrike Müller
ECR	Jørn Dohrmann, Beata Gosiewska, Zbigniew Kuźmiuk, Anthea McIntyre
ENF	Philippe Loiseau
NI	Diane Dodds
PPE	Richard Ashworth, Franc Bogovič, Daniel Buda, Michel Dantin, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Krzysztof Hetman, Peter Jahr, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marijana Petir, Czesław Adam Siekierski
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Nicola Caputo, Paolo De Castro, Karine Gloanec Maurin, Karin Kadenbach, Momchil Nekov, Maria Noichl, Marc Tarabella, Maria Gabriela Zoană
Verts/ALE	José Bové, Martin Häusling, Bronis Ropé

1	-
EFDD	John Stuart Agnew

7	0
ALDE	Jan Huitema
EFDD	Giulia Moi, Marco Zullo
GUE/NGL	Matt Carthy, Luke Ming Flanagan, Maria Lidia Senra Rodríguez, Miguel Viegas

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni